MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2010

Numru. 397/2004

**Il-Pulizija**
**(AC Neil Harrison)**

**versus**

**Derin Mangion**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Derin Mangion ta’ 28 sena iben Joseph u Dolores nee’ Seychell mwieled Fgura fl-1 ta’ Gunju 1976 u residenti 34 Triq il-Karmnu Fgugra u detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 299876 (M).

Akkuzat talli fl-dawn il-Gzejjer fit-22 ta’ April 2000 u matul l-ahhar gimghatejn qabel din id-data

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-Ordni ta' l-Avukat Generali ta' l-14 ta' Novembru 2002, ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat li jgib in-numru 2998/1976; il-fedina penali ta' l-imputat li tinsab a fol 5 u 6; il-hatra ta' l-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jaghmel analizi forensiku ta' l-esebit illi kien pprezentat matul is-seduta

tat-22 ta' Novembru 2004; l-istqarrija ta' l-imputata fol 12 u 13; u r-relazzjoni ta' l-Ispizjar Mario Mifsud a fol 19 et; id-dokument NNC 1 a fol 27 li hija l-istess kopja ta' l-istqarrija li hemm a fol 12; il-kopja tal-process fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Mario Buhagiar' deciza fit-8 ta' Gunju 2004 a fol 49; id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li ma kellhiex iktar provi a fol 60 fit-22 ta' April 2008; il-proces verbal li kien redatt mill-Magistrat Dr Joseph Cassar fis-27 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet 'Sejba ta' droga fil-kafe gewwa l-Pieta li kienet ta' Sandro Spiteri rappurtata fit-13 ta' Novembru 2001'; il-verbal li fih il-kawza kienet giet differita ghall-ahhar darba ghat-28 ta' Novembru 2008 ghall-provi difiza u dan minkejja riferta posittiva ta' l-imputat u l-verbal li fih din il-Qorti halliet din il-kawza ghas-sentenza.

Semghet il-provi bil-gurament.

Ikkunsidrat

Illi skond il-prosekuzzjoni il-fatti huma dawn. Fit-22 ta' April 2000 kienu ghamlu tfittxija gewwa garaxx li jismu 'St Michael' Triq G Darena Ghaxaq. It-tfittxija saret fil-presenza ta' l-imputat Derin Mangion. Kienu elevate zewg boroz tal-plastic suspettati li seta' kien fihom tracic tad-droga. Dawn gew esebiti. Kienu wkoll elevaw LM367 li kienu fil-pussess ta' l-imputat u elevaw ukoll mobile phone li kellu n-numru 9945 8265. Meta l-mobile phone kien f'idejn l-AC dan beda jcempel diversi drabi. Hin minnhom rrispondieh l-Assistent Kummissarju u min cempel staqsa ghall-imputat. L-Assistent Kummissarju qal li kien fil-fatt Derin u cemplet persuna u talbet ghal hamsa u din il-persuna ma ndunatx li min kien qed jirrispondi t-telefon ma kienx l-imputat.

Din il-persuna indikat li kienet fl-inhawi tal-Malta Freeport u l-Assistent Kummissarju kien staqsieh x'karozza kien qieghed u dan il-persuna kien qallu li kien qieghed b'Fiat.

Ftit tal-hin wara regghet cemplet din il-persuna u qaltlu li l-Fiat kienet Fiat Punto u ftehmu li jiltaqghu hdejn Bir id-Deheb Hal Ghaxaq faccata tas-showroom ta' Montebello.

Il-pulizija marru f'dawk l-inhawi. Hin minnhom osservaw Punto sewda bin-numru HAS 007 li kienet pparkjata wara kiosk li kien hemm ezatt faccata tas-showroom ta' Montebello.

Waqt li kienu qed josservaw il-mobile phone ta' l-imputat li kien f'idejn l-Assistent Kumissarju rega' beda jcempel. Inghataw struzzjonijiet sabiex PS 1301 Mario Farrugia javvicina lill-persuna li kien hemm fil-vettura u fil-fatt dan PS 1301 Mario FArrugia ra lil din il-persuna ccempel. Dak il-hin PS 1301 zamm lil din il-persuna. Din il-persuna kienet fil-karozza qed iccempel fuq il-mobile ta' Darren Mangion. Dan jafuh ghax il-persuna kellha n-numru 0940 6994. Kellu LM150 fuqu u fil-fatt il-persuna li kienet fil-karozza kienet qed iggorr dan l-ammont f'idejha. Il-persuna kienet Mario Buhagiar. Dan Mario Buhagiar kien qal lill-AC li kien cempel lil Derin Mangion fuq in-numru 9945 8265 u li kien qallu biex jixtri 5 grammi eroina. Kien qal ukoll li xtara minghand din il-persuna f'xi zewg jew tliet okkazzjonijiet precedent.

**L-istqarrija ta' l-imputat**

Fit-23 ta' April 2000 l-imputat kien ghamel stqarrija ghand il-pulizija fejn hu qal li ma jahdimx u li kellu karozza Gemini griza. Imbghad qal li jircevi ghajnuna socjali ta' LM40 fil-gimgha u nnega li kien qed jittraffika fl-eroina. Hu qal li ma kienx juza xi tip ta' droga. Hu qal li lanqas kien jaf biz-zewg boroz tal-plastic zghar li kellhom tracci suspettati droga u li kienu elevate mill-pulizija mid-dar tieghu.

Xehed l-Ispizjar Mario Mifsud u dan qal li ma kienux instabu sustanzi llegali fuq il-bicca karta ta' lewn il-fidda ta' sigaretti gol-borza tal-plastic vojta li kien hemm fid-dokument 87/05/01. U t-tieni li l-likwidu ta' lewn kannella li kien hemm fit-tubu tal-plastic u fil-flixkun tal-hgieg kien Marqueis agent (fol 23). Hu qal li din is-sustanza mhix kontrollata bil-ligi.

Xehed PC 1013 stazzjonat Drug Squad li qal li kienu ghamlu tfittxija fir-residenza ta' l-imputat fejn gew elevati xi test kits li kienu taht il-cupboard tal-kcina u xi borza bi tracci ta' trab abjad. Fit-tfittxija kien prezenti l-imputat, l-ispettur u PC 1301.

Kien pprezentat il-process 'Pulizija Spettur Neil Harrison vs Mario Buhagiar' illi kien deciz fit-8 ta' Gunju 2004 u li fih kien xehed dak iz-zmien l-Ispettur Neil Harrison.

Mario Buhagiar kien fil-fatt ammetta l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu li kellha x'taqsam mat-22 ta' April 2000 u matul l-ahhar xhur qabel dik id-data.

Xehed ukoll Mario Buhagiar li qal li minghand l-imputat kien ssellef LM150 u li kien ser jaghmel kien li ser jirritornahomlu. Kien silifhomlu ghax kien broke (fol 52). Il-prosekuzzjoni hawn fakkritu meta kien kellem lill-prosekuzzjoni u minghalih kien qed ikellem lill-imputat (fol 53). Il-prosekuzzjoni kienet staqsiet:

Pros : 'Bil-permess tal-Qorti, nghid sew li inti kont ghidt il-kelma, jiena ghidtlek xi trid u inti kont ghidtli l-kelma hamsa?'

Xhud : 'Le'

Pros : 'M'ghidtux dak il-kliem?'

Xhud : 'Le ma ghidtux' (ara fol 54).

Fit-22 ta' April 2008 kien xehed Sandro Spiteri a fol 87. Dan wkoll kien ghamel stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Cassar. U l-prosekuzzjoni staqsietu minn fejn kien igib id-droga u hu qal minghand l-imputat (fol 90). Fil-fatt il-Qorti qalet li x-xhud qed jindika lill-imputat bhala l-bniedem li kien jaghtih id-droga dak iz-zmien. Huwa kien jixtri minghand l-imputat id-droga eroina. Kien icempillu u jiltaqghu daqqa l-Fgura u daqqa z-Zejtun. L-imputat qal daqqa jixtri 7 u daqqa jixtri 5 bhala pakketti. Kull pakkett kien jiswa' LM10. U kien ihallsu dak il-hin stess. Hawn il-

Qorti qratlu l-istqarrija li kien ghamel quddiem il-Magistrat Inkwerenti kif jidher a fol 91 u 92 b'mod partikolari. Din tidher ukoll a fol 71 u 72 barra milli kif inqrat mill-Qorti. Huwa kien qal li kien xtara l-eroina minghand l-imputat u kien ilu jixtri hekk madwar xahrejn. Huwa kien jixtri madwar 7 pakketti biex kien jibqghalu tnejn ghalih. Il-qratas kien jaghmilhom l-imputat. Huwa kien qal li kien jixtri l-eroina minghand Derin li jghidulu l-Baqqun u joqghod il-Fgura u ghandu 27 sena u mhux twil hafna u xaghru sewda qasira u jaf li ghandu karozza tal-marka Toyota u l-mobile number 7906 1583. L-ewwel kien icempillu u imbghad jiltaqghu iz-Zejtun. Derin kien jifhem ghalfejn cempillu u jiftiehem mieghu generalment fejn it-Tequila bar jew fejn l-exchange tat-telefon li hemm Bulebel. L-imptuat kien jaghtih l-eroina u wara jaghtih il-flus tal-jum ta' qabel. Kien intwera 11-il ritratt u qal illi Darren kien il-persuna li jidher fir-ritratt numru 3. Huwa kkonferma dan kollu quddiem il-Magistrat li qed jippresjedi din il-kawza.

Wara dan ghal hames darbiet l-imptuat ma deherx gewwa l-Qorti u l-Qorti ghal hekk ma kellha l-ebda triq hlief li thalli din il-kawza ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-imputat huwa akkużat li kien forna d-droga eroina matul it-22 ta' April, 2000 u matul l-aħħar ġimgħatejn qabel din id-data. Il-Qorti ikkunsidrat primarjament dawn il-provi:

(a) L-ewwelnet li fuq l-istess telefon tal-imputat ċemplet persuna titlob għal ħamsa għax minn għaliha qed titkellem mal-imputat. Din il-persuna kienet qed issuq karozza Fiat Punto – eżatt kif intqal fit-telefonata – u kien qiegħed fil-post miftihem ħdejn Bir id-Deheb Hal Ghaxaq. F'idejh kellu LM150. Din il-persuna meta xehdet qalet li kienet isselfet xi flus minn għand l-imputat. Il-Qorti ma temminx dak li qal Mario Buhagiar (ara fol. 50 et). Dan ix-xhud kien qed jipprova jipprotegi lill-imputat biss.

(b) Iżda barra din l-ewwel kunsiderazzjoni, il-Qorti qed tqis ukoll ix-xhieda ta' Sandro Spiteri. Dan ix-xhud kien xehed bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Cassar u kkonferma l-istqarrija ġuramentata bir-ritratt b'kollox. Fl-awla gġaraf lill-imputat bħala l-bniedem li fornieh id-droga eroina. Dan kien arrestat f'Novembru, 2001 u stqarr li kien ilu jixtri minn ghand l-imputat fl-aħħar xahrejn. Dawn iwasslu għat-13 ta' Settembru, 2001. Issa l-imputazzjoni tirreferi għad-data 22 t'April, 2000. Effettivament l-imputat nnega li kien ibiegħ id-droga u barra dan fis-sustanza elevati mir-residenza tiegħu (i) ma nstabux sustanzi illegali f'wieħed mid-dokumenti u (ii) fid-dokument l-ieħor ma kienx hemm sustanza illegali.

Il-Qorti ma tistax tieħu bħala prova dak li qal Mario Buhagiar lill-Ispettur (Illum Assistant Kummissarju) għaliex din tammonta għal "hearsay" u għalhekk mhix ammissibbli bħala prova. Barra minn dan dak li qal Mario Buhagiar qatt ma kien ġuramentat quddiem Maġistrat inkwirenti. Għalhekk skond il-Kodiċi kriminali (Kap 9) ma tistax tintuza fil-konfront ta' persuna oħra. Huwa tassew illi l-Qorti ma emmnitx ix-xhieda ta' Mario Buhagiar, iżda l-Qorti tistrieħ fuq provi li hemm fl-atti.

Dwar ix-xhieda ta' Sandro Spiteri l-Qorti għandha d-data Settembru 2001 – Novembru 2001 (xahrejn qabel ma saret l-istqarrija). Fuq il-pedana tax-xhieda ma nghatat ebda data oħra. Din id-data ma taqbilx ma' dik li hemm indikata fiċ-ċitazzjoni u għalhekk dak li xehed Sandro Spiteri ma jistax jitqies bħala prova ta' traffikar da part ital-imputat fiż-żmien 22 t' April, 2000 u l-ġimgħatejn ta' qabel (Ara l-Pulizija versus Michael Cini 29.07.04 Appelli Kriminali Inferjuri).

Huwa tassew li l-Pulizija sabu lil Mario Buhagiar lest bil-flus f'idejh ħa jagħtihom (minn ghalih) lill-imputat, iżda din mhix prova soda biżżejjed għaliex fit-telefonata bejn il-Pulizija u Mario Buhagiar issemmiet il-kelma "ħamsa" biss. Barra minn dan ma kienx l-imputat innifsu li ħa t-telefonata iżda kienet il-Pulizija allura l-imputat ma jistax jintrabat direttament mal-bejgħ jew ma tentattiv ta bejgħ.

**Konklużjoni**

Il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(b) tal-Kap 101, u ir-Regolamenti 4 u 9 tal- G.N. 292/1939 qed tillibera lill-imputat miż-żewġ imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------